


# Il-Lunzjata u t-tradizzjonijiet Maltin



Matthew Mifsud

Il-qima lejn it-tħabbira tal-Arkanġlu Gabriel lil Sidtna Marija, l-ewwel misteru tal-ferħ tar-rużarju, hija waħda qadima ħafna fil-gżejjer Maltin u Għawdxin. Tant li wieħed mill-artali tal-aqwa Knisja f'Malta, il-Knisja Katidrali tal-Imdina, hija ddedikata lil-Lunzjata. Barra minn hekk insibu ħafna artali u kappelli ddedikati lil-Lunzjata u saħansitra wied f'Għawdex li jġib l-isem ta' Wied il-Lunzjata.

Iż-żewġ parroċċi f'Malta li huma ddedikati lil-Lunzjata huma Ħal Balzan u Ħal Tarxien.

Id-devozzjoni lejn il-Lunzjata nistgħu narawha mill-ismijiet li kienu jingħataw lit-tfal fejn insibu dak tas-subien bħal Nunzjat jew Lonzu waqt li għall-bniet kien hemm Marija Annunzjata, Nunzjata u Lonza. Maż-żmien dawn inbidlu f'Nunzio, Narci u Nancy. Popolari kienu u għadhom sal-lum l-ismijiet ta' Gabriel u Gabriella għall-Arkanġlu li ħabbar lil Sidtna Marija.

Il-festa Liturġika tal-Lunzjata tiġi fil-25 ta' Marzu u din il-festa daħlet fil-kollezzjoni tal-qwiel Maltin ukoll. Il-Malti jgħid: Nhar il-Lunzjata tigi l-bilbla u tmur l-alwetta. Ta' min jgħid li l-bilbla, għasfur li jgħammar fil-gżejjer Maltin mix-xaħar ta' Marzu sax-xahar ta' Ottubru waqt li l-għasfur l-ieħor l-alwetta, titlaq.

## Leġġenda

Hemm leġġenda li tinvolvi waħda mara u bajda ta' tiġieġa li biedet lejlet il-festa tal-Lunzjata. Din il-mara kienet fqira u marida u kellha, jekk jista' jkun, tiekol bajda kuljum għas-sustanzi. Iżda billi kienet devota ħafna, għalkemm marida, riedet issum bilfors u lejlet il-Lunzjata, meta l-ġirien ġabulha bajda friska ta' dakinhar, ma ħadithiex imma refgħatha fir-rewwieħa (jew ventilatur) fil-għoli biex ma tiġihiex it-tentazzjoni li tikolha. Milli jidher il-mara nsiet il-bajda għal kollox u b'kumbinazzjoni ftakkret fiha u sabitha s-sena ta' wara fil-festa tal-Lunzjata. Il-leġġenda tkompli li din il-bajda waqgħetilha u nqasmet, u minflok ma ħarget minnha ntiena ta' bajda mħassra, firxet il-fwieħa madwarha. Dan nistħajjel li ġara bħallikieku rikonoxximent mill-Madonna lejn dik il-mara devota li, għalkemm fjakka u marida, xorta riedet issum lejlet il-Lunzjata.

## Balzmu tal-Lunzjata

Din il-leġġenda ntgħoġbot u nfirxet sewwa. Bajda li t-tiġieġa kienet tbidha lejlet il-Lunzjata kienu jqisuha li kellha kwalitajiet speċjali u minħabba f'hekk bosta Maltin bdew igeżwruha f'biċċa ċarruta u jaħbuha fil-ventilatur jew f'xi rokna oħra fejn ma tintlaħaqx u ma tintlaqatx. Is-sena ta' wara, fil-festa tal-Lunzjata, kienu jkissruha biex minnha jieħdu dak it-trab niexef li jkun fadal fiha, iħalltuh maż-żejt u jużawh bħala ingwent fuq xi ferita jew gerħa. Dan l-ingwent bdew isejħulu Balzmu tal-Lunzjata. Għalhekk, għad-devoti tal-Lunzjata, il-bajda tissimbolizza l-fertilità u twelid ġdid. Hemm ukoll min jgħid li r-raħal ta' Ħal Balzan ħa ismu minn din id-drawwa.

## Jum importanti

Fl-imgħoddi l-festa tal-Lunzjata, jiġifieri il-25 ta' Marzu kienet waħda mill-festi kmandati. F'dan il-jum il-bdiewa u r-raħħala Balzanin u dawk Tarxiniżi kienu jieqfu mix-xogħol. Fil-quddies ta' dan il-jum, il-qassis u l-fidili li kienu jkunu miġbura fil-knisja kienu jinżlu għarkopptejhom mal-kliem "U l-Iben t'Alla sar bniedem minn Marija Vergni." Kien hemm użanża li filgħaxija, waqt inżul ix-xemx, kienet tingħad it-talba tal-Anġelus. Għal dak il-jum kienu jinżlu għarkopptejhom mal-kliem "u l-Iben t'Alla sar Bniedem."

Jum il-25 ta' Marzu kien jum importanti ferm fil-kalendarju ċivili. Dan il-jum kien meqjus bħala l-aħħar jum tas-sena li fiha kienu jingħalqu l-kontijiet tal-gvernijiet. Anke l-gvern Malti kien jagħlaq il-kontijiet. Naturalment dan juri li l-ħajja kienet marbuta ħafna mal-fidi. Il-bidu tat-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu hu fit-tħabbira tal-Arkanġlu Gabriel. Din it-tħabbira ġabet tama u ħajja ġdida fil-bniedem u bħala simbolu l-kontijiet jingħalqu u jibdew oħrajn ġodda.

## Il-Folklor

F'Malta u Għawdex insibu wkoll xi niċeċ iddedikati li Marija Annunzjata. L-aqwa tlieta jinsabu fil-qalba tat-tliet irħula (Ħal Balzan, Ħal Lija u Ħ'Attard) kif ukoll f'Ħal Tarxien u fl-Għasri.

Fil-festa tal-Lunzjata hemm drawwa unika li ssir biss f'Ħal Balzan u f'Ħal Tarxien. F'xi rħula jumejn qabel il-festa jsir il-marċ l-kbir fejn fi tmiem dan il-marċ jittella' fuq pedestall il-figura marbuta mal-Patrun. Iżda f'dawn iż-żewġ irħula jsir il marċ magħruf bħala 'Il-marċ tal-Anġlu' fejn f'Ħal Balzan jittella' l-Arkanġlu Gabriel xogħol tal-Kavallier Alfred Camilleri Cauchi fl-1993 waqt li f'Ħal Tarxien jittella' l-anġlu magħruf bħala tal-ereżija xogħol mill-aqwa tal-magħruf statwarju Karlu Darmanin (1825-1909).

Drawwa oħra marbuta mal-festa tal-Lunzjata f'Ħal Balzan kienet li fl-imgħoddi l-Balzanin kienu joħorgu jduru mar-raħal bl-istatwa tal-Lunzjata, bil-fratelli, abbatini u kleru flimkien mal-banda. F'Ħal Tarxien, il-purċissjoni ma kienx ikollha banda iżda kien jintqal ir-rużarju.

Iż-żewġ festi tal-Lunzjata m'għadhomx isiru fil 25 ta' Marzu. Il-festa f'Ħal Tarxien issir fl-aħħar Ħadd ta' Mejju u dik ta' Ħal Balzan issir fit-2ni Ħadd tal-Lulju. Ir-raġuni ta' din il-bidla mhix biss it-temp iżda minħabba l-possibiltà li d-data tal-25 ta' Marzu tkun qrib tal-Ġimgħa Mqaddsa. Għalhekk il-festa kienet issir bin-niċeċ u l-inkwatri mgħottijin b'biċċiet vjola. Ċertu mużika ma kinetx tista' tindaqq. Għalhekk bdew jikbru festi sekondarji bi briju eżattament fil-festa tal-Madonna tad-Duttrina f'Ħal Tarxien u fil-festa ta' San Valentinu f'Ħal Balzan.

Iż-żminijet jinbidlu u ċertu aspetti jsiru xi ħaga tal-imgħoddi u jitniżżlu fl-istorja, iżda xi ħaġa li żgur ma nbidlitx maż-żmien hija d-devozzjoni u l-imħabba li dawn iż-żewġ popli għandhom lejn il-Lunzjata.

**Referenzi**

Guido Lanfranco, Drawwiet u Tradizzjonijiet Maltin (2001). Pubblikazzjonijiet Indipendenza, PIN.

Għaqda Mużikali Marija Annunzjata, Ħal Tarxien. Għadd Nru 25.